PDF Compressor Pro





*Is-Sindku l-Avukat Samuel Azzopardi jindirizza l-laqgħa ġenerali tal-lokalità tal-Belt Victoria.* Jidhru wkoll mix-xellug, Marcell Tabone, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Joseph Schembri, Michel Buttigieg u Carmel Theuma

# Issir il-laqgħa tal-lokalità tal-Belt Victoria

Waqt il-laqgħa annwali tal-lokalità tal-Belt Victoria li saret fis-sala tal-Kunsill Lokali, ħareġ ċar illi għalkemm dan il-Kunsill sab ma' wiċċu sfidi enormi, problemi kbar finanzjarji u n-nuqqas ta' koperazzjoni mixtieqha mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq proġett vast li kieku kellu jiġi attwat kien jibdel wiċċ iċ-ċentru storiku tal-Belt Victoria, madankollu l-Kunsill xorta imbarka fuq proġetti siewja.

Fost dawn hemm l-indafa, fejn iddaħħlet sistema kompletament ġdida u li qed tħalli l-frott tagħha. Illum ċ-ċentru storiku tal-Belt Victoria qed jinkines darbtejn kuljum u l-Ħdud ukoll, il-*bins* jiġu *power washed* darba fil-ġimgħa u qegħdin jitbattlu kmieni filgħodu. Il-Kunsill jinsab għaddej ukoll bir-riforma fil-ġbir tal-iskart kemm mħallat kif ukoll dak separat.

Is-Sindku Azzopardi semma kif il-Kunsill kien ta attenzjoni kbira lis-sistema tat-traffiku u kif wieħed jista' jtaffi l-piżijiet li din iġġib magħha. Ġie eleminat darba għal dejjem d-dħul tal-*heavy vehicles* miċ-ċentru tat-tiġrija l-fuq u 'l isfel. Installa wkoll *cctv camera* sabiex jiġi kkontrollat il-parkeġġ doppju u tripplu fi Pjazza San Franġisk u l-problemi ta' konġestjoni li kienu jikkawżaw.



*In-Niċċa tal-Madonna ta' Loretu fi Pjazza San Ġorġ*

Is-Sindku Azzopardi semma wkoll ix-xogħol ta' restawr li kien ser jsir fuq erbgħa niċeċ, niċeċ li jinsabu fi stat ħażin ħafna, fosthom dik ta' San Lwiġi Gonzaga, li tinsab f'kantuniera fi Triq il-Karità u li għandha 'l fuq minn 200 sena; ta' San Ġorġ tal-Ħaġar, li tinsab f'kantuniera fi Triq San Ġorġ, statwa tal-ġebel tal-iskultur Għawdxi Ġużè Agius, u li tmur lura għas-sena 1925, dik iddedikata lil Madonna ta' Loretu, fi Pjazza San Ġorġ u li għandha 'l fuq minn 350 sena u dik iddedikata lil Kristu Sultan, fi Triq l-Arċipriet Saverju Cassar u li tmur lura għas-sena 1880.

Is-Sindku Azzopardi ħabbar illi dak inhar stess tal-laqgħa kienu għadhom kif għalqu wkoll t-*tenders* ta' tliet toroq li kien hemm bżonn ħafna li jsiru bit-tarmak għax kienu fi stat ħażin ħafna, jiġifieri Triq Sagħtar, Triq Wied is-Seqer u Triq Ganni Vassallo. Parti minn dawn it-Toroq ser isiru wkoll bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali.

Huwa ħabbar ukoll illi kienet saret id-devoluzzjoni finali tal-*playing field* kif ukoll tal-*kiosk*, u li kienet ġiet sottomessa applikazzjoni mal-MEPA sabiex ikunu jistgħu jirranġaw dan il-*playing field* ċentrali tal-Gżira Għawdxija, li allura jinvolvi somma flus mhux ħażin. Hawnhekk is-Sindku irringrazzja lil Ministeru għal Għawdex tal-iskema li ħareġ sabiex jgħin il-Kunsilli Lokali, skema ta 70,000 Euro li għandhom jiġu allokati biex ikopru parti minn dan il-proġett.

Is-Sindku Azzopardi qal ukoll illi l-Kunsill kompla jagħmel Pjazza San Ġorġ, Pjazza li dan il-Kunsill sabha mibdija, proġett li kellu miegħu abbinati numru ta' problemi, fosthom l-ispiża finanzjarja li kien hemm. Illum il-proġett huwa lest apparti s-sistema tad-dawl illi tinsab kollha mixtrija, kif ukoll l-*water element* tal-istess Pjazza. Il-lum, żied igħid is-Sindku, il-Kunsill kollu fehem illi ma għandux il-finanzi għall-ispiża tal-*water element* kif proġettata ċioè il-funtana tal-bronż, u kien għalhekk li qed jesplora alternattivi oħra li jistgħu jsiru.

Is-Sindku Azzopardi semma l-attenzjoni li l-Kunsill ta fuq il-qasam taż-żgħażagħ fejn waqqaf żewġ kumitati taż-Żgħażagħ u llum ifformalizza kollox f'Kunsill taż-Żgħażagħ wieħed bi statut tiegħu. Żgħażagħ li jiltaqgħu l-Kunsill regolari u jorganizzaw attivitajiet ukoll. Żgħażagħ li jiddedikaw ruħhom għal ġid tal-Belt Victoria. Semma wkoll l-opportunitajiet li l-Kunsill ta liż-żgħażagħ sabiex isiefru fi programmi tal-*European Regions for Youth Network*, fosthom f'Bordeaux fi Franza, Bologna fl-Italja u Goteburg fl-Isvezja.

Is-Sindku Azzopardi semma wkoll l-investiment kbir li l-Kunsill għamel fil-qasam kulturali, fosthom għajnuna sabiex isiru diversi *festivals*, kif ukoll it-tnedija ta' kunċett ġdid għal Għawdex, bl-introduzzjoni ta' *Twelve Steps*, forma ta' *giocho – spettacolo* fejn tul is-sajf preċiżament darbtejn fix-xahar iċ-Ċittadella ġiet trasformata f'teatru naturali b'esperjenza unika ta' storja u logħob.



*In-Niċċa ta' San Ġorġ tal-Ħaġar li tinsab f'kantuniera fi Triq San Ġorġ*

## MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*In-Niċċa ta' Kristu Sultan fi Triq l-Arċipriet Saverju Cassar*



*In-Niċċa ta' San Lwiġi Gonzaga, li tinsab f'kantuniera fi Triq il-Karità*


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***